# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 206/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Luciano Tabone**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Luciano Tabone, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 537057M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn is-27 ta' Mejju, 2017 u l-31 ta' Jannar, 2018 b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti huwa kiser l-istess disposizzjoni tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat naqas li jagħti lil Anna Tabone, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu w/jew martu , fi żmien ħmistax –il jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-25 t' April, 2018 li biha fuq ammissjoni sabet l-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu għal xahar (1) priġunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaħ minn kull ħtija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat :

1. Illi l-appellant jillanjaa s-sentenza appellata bi tlett gravami bl-ewwel wiehed jidher li hu dirett lejn il-validita' tas-sentenza. It-tieni aggravju jitratta dwar kemm verament kien dovut manteniment fis-somma indikata fic-citazzjoni meta bintu ma ghadiex tircievi edukazzjoni terzjarja u qeghda tahdem. L-ahhar aggravju jidher li jirrigwarda l-kwalita' tal-prova konsistenti fin-nuqqas li tkun esebita "kopja legali tad-digriet relattiv". Din hija interpretazzjoni mill-Qorti tal-aggravji stante li l-appell huwa redatt b'mod ekonomiku ghall-ahhar bl-appellant jonqos milli jindika kif kull wiehed mill-aggravji jincidi fuq is-sentenza appellata;

2. Fl--ewwel aggravju l-appellant jghid illi "*Il-Qorti nizzlet fuq ic-citazzjoni li kien hemm ammissjoni. Filfat [sic] l-esponenti rrimetta ruhu u ghamel sottomissjonijiet dwar ic-cirkostanzi partikulari ta' Luciano Tabone*". Waqt is-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti kien diskuss dan il-punt mill-ottika tal-validita' tas-sentenza tal-appellant filli jekk inghatat sentenza fejn l-imputat instab hati wara ammissjoni meta ammissjoni qatt ma kien hemm, allura tista' tqum kwistjoni ta' nullita' tas-sentenza. Il-Qorti qed taccetta dan ir-ragjonament ukoll ghaliex huwa kwistjoni ta' ordni pubbliku u ghalhekk ser ikun debitament skrutinat;

3. Jibda biex jinghad illi l-ahjar fonti dwar jekk kienx hemm ammissjoni jew le huwa dejjem in-notament tar-registratur tal-Qorti. F'dan il-kaz, izda, il-verbal tal-udjenza fejn suppost kienet registrata ammissjoni u li suppost jikjarifika kull dubju in rigward huwa priv minn kull tali informazzjoni u frankament minn kull informazzjoni ohra relevanti. Tajjeb ghalhekk li jkun riprodott dan il-verbal li jirreferi ghall-udjenza tal-25 t'April, 2018 quddiem l-ewwel Qorti:

> Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edward Zammit
>
> Deher l-akkuzat debitament assistit mill-Avukat Brincat Joe
>
> Deheret il-parte civile assistita mill-avukat Mifsud Mario.
>
> [Spazju in bjank]
>
> Issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.
>
> Inghatat is-sentenza,

4. Huwa minnufih evidenti minn qari ta' dan il-verbal illi dan jirrifletti proprju l-kontra ta' dak li ghalih huwa intiz. Dan bl-

ebda mod ma joffri stampa fidila ta' dak li verament sehh waqt l-udjenza u juri biss li ma xehed hadd, ma kienu esebiti ebda dokumenti, ma saret ebda ammissjoni u li kien hemm sejbien ta' htija qabel biss inghatat sentenza. Illi ghalhekk ma tista' tkun prestata ebda affidabilita' ghal dan il-verbal – haga din li hija rikorrenti minn din l-awla partikolari;

5. Stabbilit dan, izda, hemm fattur iehor li ma jistax jghaddi inosservat. Il-Magistrat decident indika *in pugnio proprio* fuq il-komparixxi li kienet saret ammissjoni meta bil-firma tieghu annota is-segwenti:

> Il-Qorti
> Rat l-imputazzjonijiet:
> Semghet il-provi;
> Rat l-Artikoli indikati:
> Ammissjoni.
> Xahar prigunerija
> Firma
> 25.04.18

Dan l-istess notament bil-firma tal-Magistrat decident huwa imbaghad rifless fid-dattilografar tas-sentenza in disamina liema sentenza titqies li inqrat fil-miftuh fil-presenza tal-imputat skond il-ligi. La darba ma hemm xejn li jindika mod iehor, l-imputat jehtieglu jispjega ghaliex ma hemm registrat ebda protesta da parti tieghu fl-atti processwali, haga li wiehed kien jistenna li jsib debitament registrat f'kaz li l-Qorti ddikjarat li kien hemm ammissjoni meta u jekk dan ma kienx minnu;

6. Illi fis-sottomissjonijiet orali tieghu, id-difensur tal-appellant jinsisti li f'kaz ta' ammissjoni, l-ewwel Qorti kellha twissi lill-appellant u taghtih zmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu. Naturalment l-appellant qed jirreferi ghall-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali li hu applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Huwa dejjem tajjeb li

Qorti tkun certa u konvinta mill-ammissjoni tal-imputat qabel ma tghaddi ghas-sentenza, izda l-provvediment tal-artikolu 392A u s-sollenita' mehtiega fit-twissija lill-imputat wara li jirregistra ammissjoni mhix estiza ghas-sitwazzjoni odjerna fejn il-legislatur ghamel applikabbli din ir-regola *ad validitatem* ghal dawk il-kazijiet fejn il-piena tkun taqbez il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali;

7. Tajjeb li jinghad ukoll illi fis-sentenza dattilografata tirrizulta s-segwenti kunsiderazzjoni: "*Wara li semghet lill-partijiet jitrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat*". Anke dan huwa indikattiv illi kienet fil-fatt saret ammissjoni da parti tal-imputat aktar u aktar meta ma hemmx indikat li instemghet xi xhieda. Issa, quddiem din il-Qorti ma tressqet ebda xhieda sabiex jintwera dak allegat mill-appellant li quddiem l-ewwel Qorti qatt ma kienet registrata ammissjoni. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, in-nuqqas tad-deputat registratur li jirregistra dak li fattwalment sehh fl-udjenza ma ghandux jikkancella dak li l-ewwel Qorti indikat fis-sentenza taghha sia dik iffirmata mid-deputat registratur kif ukoll fin-notament tal-Magistrat decident fuq il-komparixxi. Konsegwentement ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tannulla s-sentenza appellata;

8. Isegwi bhala konsegwenza illi t-tieni u t-tielet aggravji ma jistghux ikunu konsiderati minn din il-Qorti ghaliex la darba jitqies li kien hemm ammissjoni da parti tal-imputat ma jistghax f'dan l-istadju jressaq lanjanzi fil-mertu. Huwa inutili ghall-imputat li jghid li bintu m'ghadiex tattendi skola ta' grad terzjarju u li konsegwentment ma hemm l-ebda dover ta' hlas tal-manteniment. Haga din li lanqas kienet mitluba tixhed dwarha l-parte civile meta ttellghet fuq il-pedana tax-xhud

quddiem din il-Qorti biex tghid jekk fil-mori thallsitx tal-manteniment dovut jew le. Apparti dan, u fi kwalunkwe kaz, skond ir-rapport tal-Pulizija in atti, jirrizulta illi l-ilment huwa dwar nuqqas ta' manteniment ta' 47 Euro fil-ġimgħa u dan għal Andre' Tabone li għandu ħmistax-il sena;

9. L-istess jinghad dwar l-ahhar aggravju meta l-appellant iressaq l-argument illi qatt ma kienet esebita kopja legali tad-digriet li fih kien ordnat hlas tal-manteniment. Oltre li dak kunsidrat fil-paragrafu precedenti ghandu japplika ugwalment ghal dan il-gravam, huwa evidenti illi din il-kawza instemghet fl-istess jum u flimkien ma' dik li llum ggib in-numru tal-appell 205/2018 quddiem din il-Qorti. F'dik il-kawza kienet esebita kopja legali tad-digiret tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u la darba z-zewg kawzi kienu mismugha flimkien huwa implicitu li d-dokument esebit f'kawza huwa ugwalment applikabbli fil-kawza l-ohra. Haga din li ma kienitx notata mid-deputat registratur izda li ghar-ragunijiet msemmija *supra* qed jitqies li s-sentenza tal-ewwel Qorti tissupera n-nuqqasijiet manifesti tal-istess deputat registratur u li ghalhekk ma tirriflettix dak li attwalment sehh in awla;

10. Illi t-talba tal-appellant fir-rikors tal-appell tieghu hija wahda ghar-revoka tas-sentenza appellata. Huwa ma ressaq ebda aggravju dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti izda ghamel sottomissjonijiet orali in rigward. Issa, fit-termini tal-artikolu 520(1)(c) tal-Kodici Kriminali li jirreferi ghall-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta, talba ghat-thassir ghandha titqies ukoll bhala talba ghall-annullament u <u>tibdil</u> tas-sentenza appellata;

11. L-abbli difensur tal-appellant ressaq bhala argument ic-cirkostanzi partikolari tal-assitit tieghu bhala raguni ghaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex terroga piena karcerarja. Dawn ic-cirkostanzi partikolari, izda, mkien ma hemm hjiel taghhom fl-atti processwali u ma ngieb ebda xhud jew dokument quddiem din il-Qorti in sostenn taghhom. Illi ghalhekk l-appellant ma ressaq ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta kkominat il-piena lamentata;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell huwa michud.